MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2009

Talba Numru. 300/2009

**GO p.l.c. (C-22334)**

**Vs**

**Jesmond Mejlaq**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba li permezz tieghu s-socjetà attrici titlob li l-konvenut jigi kkundannata jhallasha s-somma ta' tlett mija sebgha u tmenin Euro u sittax-il centezmu (€387.16) rapprezentanti hlas dovut lis-socjetà attrici in konnessjoni ma' servizz telefoniku li jgibu n-numru 21525366 skond kif jirrizulta mid-dokumenti annessi ma' l-Avviz tat-Talba bhala Dok. "A" u Dok. "B"; bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta' l-ahhar pagament u cioè mid-19 ta' Jannar 2007, kontra l-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie notifikat bil-procedura ta’ l-affissjoni u pubblikazzjoni bl-Avviz tat-Talba u bl-avviz tas-smigh tas-seduta, ma ikkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li l-konvenut ma deherx sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk tali Kapitolu ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ra l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti mis-socjetà attrici bhala Dok. “A” u Dok. “B”.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta’ tlett mija sebgha u tmenin Euro u sittax-il centezmu (€387.16), bl-imghax legali dekoribbli mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz tat-Talba sad-data ta’ l-effettiv pagament. L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------